MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 3031/2002

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Attard David u b'digriet ta' 27 ta' Marzu, 2004 it-Tribunal jordna l-kjamat fil-kawza ta' Marcus Tonna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Dicembru, 2002 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tmien mija u seba' u sittin lira Maltija u tmienja u erbghin centemzu (Lm867.48) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract**

**Number 1623 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Frar 2002 u Mejju 2002.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, 2002, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut David Attard fis-7 ta' Jannar, 2003 fejn intqal :**
**Illi t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda stante illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut mill-eccipjenti, izda ghandu jigi mhallas minn terzi u b'mod aktar preciz minn certu Marcus Tonna kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza.**
**Bl-ispejjez.**

**Ra d-digriet tas-27 ta' Marzu, 2003 fejn it-Tribunal ordna l-kjamat fil-kawza ta' Marcus Tonna.**

**Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Marcus Tonna pprezentata fl-4 ta' Dicembru, 2003 fejn intqal illi:**
**Il-konvenut Marcus Tonna ma ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Dimech ghas-socjeta` attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta` attrici qed tfittex ghall-hlas ta' servizz ta' mobisle telephony ghall-perjodu bejn Frar, 2002 sa Mejju, 2002.**
**2. Jirrizulta illi originarjament is-socjeta` attrici kienet dahlet f'kuntratt fir-rigward ma' l-attur. Sussegwentement fil-11 ta' Dicembru, 2000 sar kuntratt iffirmat mill-kjamat in kawza Marcus Tonna.**
**3. Skond ix-xhud Joseph Dimech kien sar trasferiment minn fuq il-konvenut Attard ghal fuq Tonna, u dana fl-24 ta' April, 2001, skond ma jirrizulta mid-dokument esebita fol.46 tal-process.**

**4. Din ix-xhieda ma giet b'ebda mod kontradetta.**
**5. Ghalhekk ma jirrizultax li l-ammont huwa dovut mill-konvenut Attard, izda mill-kjamat in kawza Tonna.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jillibera lill-konvenut David Attard mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza Marcus Tonna, u jikkundanna lill-istess Marcus Tonna jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija sebgha u sittin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm867.48) bl-imghaxijiet legali mill-31 ta' Ottubru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-kjamat in kawza Marcus Tonna, hlief ghall-ispejjez tal-konvenut Attard li ghandhom jibqghu a karigu tas-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------